



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 4 ta' Marzu 2011 (10.03)  
(OR. en)**

**7204/11**

**BUDGET 5  
FIN 135**

**NOTA**

---

|          |  |
|----------|--|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil      | Kumitat tal-Baġit  |
| Suġġett: | Estimu tal-infiq u d-dħul għas-sena finanzjarja 2012 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimha II tal-Baġit tal-UE)<br>- Memorandum ta' spjegazzjoni |

---

**1. Introduzzjoni**

- 1.1. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja globali għandha impatt importanti fuq il-finanzi pubbliċi nazzjonali. L-Istati Membri qegħdin inaqqsu l-infiq amministrattiv fil-baġits nazzjonali tagħhom bħala parti mill-isforzi biex jibbilanċjaw il-baġits tagħhom. Fil-linji gwida tal-baġit għall-2012, adottati matul il-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Frar 2011, il-Kunsill ECOFIN fakkar fl-*"objettiv komuni li tiżdied l-effiċjenza amministrattiva fuq l-istess linja adottata mill-Istati Membri biex jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi limitati b'kont meħud tal-konsolidazzjoni fiskali rigoruża li qed isegwu l-Istati Membri"*.

Fl-ittra tagħha tat-3 ta' Frar 2011 rigward l-istabbiliment tal-abbozz ta' baġit għall-2012, il-Kummissjoni stiednet lill-Istituzzjonijiet Ewropej biex jagħmlu l-isforzi kollha possibbli lejn il-limitazzjoni tan-nefqa fit-tnejn tal-istima tan-nefqa għall-abbozz ta' baġit għall-2012. L-oġġettiv globali huwa li jsiru sforzi reali lejn il-limitazzjoni tan-nefqa għall-abbozz ta' baġit għall-2012 u li jintbagħat sinjal pożittiv lill-opinjoni pubblika Ewropea, u b'hekk jintwera li l-Istituzzjonijiet Ewropej qegħdin jaġixxu b'mod responsabbli fid-dawl tal-kondizzjonijiet ekonomiċi u baġitarji diffiċli fl-Istati Membri.

- 1.2. B'segwitu għal dawn il-linji gwida s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) elabora proposta ta' baġit għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimha II tal-Baġit tal-UE) għall-2012 li hija bbażata fuq valutazzjoni mill-ġdid bir-reqqa tal-ħtiġijiet għall-attivitajiet attwali u l-proġetti meħtieġa tiegħu fl-2012, f'termini ta' riżorsi kemm finanzjarji kif ukoll umani.

L-oġġettiv ġenerali ta' dan l-eżerċizzju kien ta' tkabbir żero f'termini ta' approprjazzjonijiet meta mqabbel mal-livell tal-2011 għall-funzjonament tas-SĠK. Flimkien ma' dan l-approċċ ta' tkabbir żero, tnaqqsu l-approprjazzjonijiet għal xi punti speċifiċi, b'kont meħud tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-aħħar snin.

B'riżultat ta' dan l-approċċ ikkombinat, is-SĠK jipproponi abbozz ta' baġit għall-2012 ta' EUR 538,5 miljuni, li jikkorrispondi għal tnaqqis ta' EUR 25 miljun (- 4,4%) meta mqabbel mal-baġit għall-2011.

Dan it-tnaqqis jiġi prinċipalment mit-tnaqqis li ġej:

- EUR 10 miljuni minn ħlasijiet bil-quddiem għall-bini Résidence Palace,
- EUR 8 miljuni mill-interpretazzjoni,
- EUR 7 miljuni mill-ispejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet.

Barra minn hekk, is-SĠK jipproponi li jnaqqas il-pjan ta' stabbiliment tiegħu b'20 post tax-xogħol AST (ara 2.1.1.).

- 1.3. L-ittra tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2011 tissuġġerixxi li kwalunkwe talba relatata ma' tkabbir futur tkun inkluża fl-estimi tan-nefqa tal-Istituzzjonijiet biss ladarba tittieħed deċiżjoni formali dwar id-data tal-adeżjoni. Is-SĠK jipproponi li jiġi segwit dan l-approċċ għajr għas-7 aġenti kuntrattwali, meħtieġa għat-traduzzjoni tat-trattati ta' adeżjoni u s-sorveljanza tat-traduzzjoni għall-*acquis communautaire* fil-lingwa Kroata. Ladarba tittieħed deċiżjoni formali dwar id-data tal-adeżjoni, l-infiq kollu relatat mat-tkabbir (b'mod partikolari l-pubblikazzjoni tal-*acquis communautaire* u l-istabbiliment tal-unità lingwistika Kroata) ser jiġi ppreżentat f'ittra emendatorja speċifika jew f'baġit emendatorju.
- 1.4. F'konformità mal-parametri riċevuti mill-Kummissjoni għall-elaborazzjoni tal-baġit għall-2012, żieda fis-salarju ta' 0,9 % hija inkorporata fl-abbozz ta' baġit għall-2012. Dan jirrappreżenta l-aġġustament fis-salarju li ser jiġi deċiż f'Diċembru 2011.
- Iż-żieda stmata fil-prezz ġenerali ta' 1,8 % fl-2012 ġiet ikkumpensata bi tnaqqis fil-volumi.
- 1.5. It-Tabella 1 tippreżenta il-proposta tal-baġit għall-2012 skont il-kategorija. Kummentarju aktar dettaljat dwar l-iżvilupp ta' kull kategorija jidher fil-paragrafu 2 hawn taħt.

**Tabella 1: Proposta għal abbozz ta' baġit tal-KEE għall-2012 (skont il-kategorija, EUR)**

| Kategorija                                | Baġit għall-2010   | Baġit għall-2011   | AB għall-2012      | Bidla 2012/2011 |
|---|--------------------|--------------------|--------------------|-----------------|
| Pjan ta' Stabbiliment                     | 323.970.000        | 288.302.326        | 294.797.000        | 2,3%            |
| Infiq ieħor relatat mal-persunal          | 23.512.000         | 24.586.301         | 23.065.000         | -6,2%           |
| Binjiet (titolu II)                       | 39.917.000         | 38.255.000         | 38.153.000         | -0,3%           |
| Sistemi tal-kompjuter (titolu II)         | 35.517.000         | 35.782.000         | 36.116.000         | 0,9%            |
| Spejjeż ta' interpretazzjoni              | 92.740.000         | 94.722.973         | 86.723.000         | -8,4%           |
| Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet | 36.792.000         | 33.675.000         | 26.675.000         | -20,8%          |
| Ġurnal Uffiċjali                          | 5.115.000          | 5.193.000          | 4.626.000          | -10,9%          |
| Titolu III                                | 35.939.000         | 2.536.000          | -                  |                 |
| Grupp ta' Riflessjoni                     | 533.000            | -                  | -                  |                 |
| Mixxellanja (titolu II)                   | 18.517.000         | 19.210.000         | 17.390.000         | -9,5%           |
| Riżerva                                   | 6.000.000          | 6.000.000          | 6.000.000          | 0,0%            |
| <b>Total (eskluż l-akkwist)</b>           | <b>618.552.000</b> | <b>548.262.600</b> | <b>533.545.000</b> | <b>-2,7%</b>    |
| Akkwist ta' proprjetà immobbli            | 15.000.000         | 15.000.000         | 5.000.000          | -66,7%          |
| <b>Totali globali</b>                     | <b>633.552.000</b> | <b>563.262.600</b> | <b>538.545.000</b> | <b>-4,4%</b>    |

Bil-proposta għall-2012, is-sehem tal-baġit tal-KEE (Taqsimha II tal-Baġit tal-UE) fl-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju (FF) ser jiżviluppa kif ippreżentat fit-tabella 2. It-tabella turi wkoll l-iżvilupp matul l-aħħar 5 snin.

Tabella 2: Baġit tal-KEE (taqsima II) fl-Intestatura 5 tal-FP fl-2008-2012 (EUR miljun)

|                         | 2008  |       | 2009  |       | 2010  |       | 2011  |        | 2012  |       |
|-------------------------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|-------|--------|-------|-------|
|                         | m€    | bidla | m€    | bidla | m€    | bidla | m€    | bidla  | m€    | bidla |
| Intestatura 5           | 7.457 | 4,8%  | 7.603 | 2,0%  | 7.962 | 4,7%  | 8.416 | 5,7%   | 8.754 | 4,0%  |
| KEE / Baġit tal-Kunsill | 595   | 0,2%  | 603   | 1,3%  | 634   | 5,1%  | 563   | -11,2% | 539   | -4,4% |
|                         |       |       |       |       |       |       |       |        |       |       |
| Sehem fl-intestatura 5  | 8,0%  |       | 7,9%  | -1,3% | 8,0%  | 1,3%  | 6,7%  | -16,3% | 6,2%  | -7,5% |

## 2. Kummentarju skont il-kategorija tal-infiq

### 2.1. Persunal (pjan ta' stabbiliment)

Il-livell ta' approprijazzjonijiet għall-intestaturi tal-baġit relatati mal-pjan ta' stabbiliment (żieda ta' 2,3 %) hija determinata prinċipalment mill-bidliet li ġejjin:

#### 2.1.1. Tibdil fil-pjan ta' stabbiliment

B'konsegwenza għal xi deċiżjonijiet ta' ġestjoni meħuda mis-SĠK, il-pjan ta' stabbiliment jista' jitnaqqas b'20 post tax-xogħol (taħlita ta' trasferiment, għall-PMO, tal-attivitajiet mis-Servizz tas-SĠK għall-Assigurazzjoni kontra l-Mard u razzjonalizzazzjoni tal-metodi ta' ħidma fl-unitajiet lingwistiċi). It-talbiet kollha tas-servizzi għal persunal ġdid fl-2012 ġew analizzati bir-reqqa. Wara din l-analiżi ġie deċiż li ma jintalbox postijiet tax-xogħol ġodda iżda li jiġu koperti l-aktar ħtiġijiet urġenti bir-riallokazzjoni tal-postijiet eżistenti (29 post tax-xogħol).

### 2.1.2. Aġġustament tas-salarji, żvilupp tal-karriera<sup>1</sup>

L-estimju tal-Kummissjoni għall-aġġustament tas-salarji fl-2011 huwa ta' 0,9 %, li jikkorrispondi għal żieda ta' EUR 2,1 miljuni (impatt ta' sena sħiħa). L-istess perċentwali hija applikata għaż-żieda fis-salarji fl-2012, li għandha tiġi deċiża f'Diċembru 2012 (impatt mill-1/7/2012 sal-31/12/2012). Dan jirriżulta f'żieda ulterjuri ta' EUR 1,3 miljuni.

L-avvanz fil-karriera f'termini ta' anzjanità (jiġifieri avvanz fl-istadji fi grad) għandu impatt ta' EUR 3,8 miljuni fl-2012.

Il-modifika tal-pjan ta' stabbiliment meħtieġa biex jiġi rrispettat l-Artikolu 6 tar-regolamenti tal-persunal (promozzjonijiet) ser tiswa EUR 0,8 miljuni.

### 2.1.3. Tnaqqis b'rata fissa

Is-SĠK qed jistima li jżid l-okkupazzjoni netta fil-pjan ta' stabbiliment b'55 post tax-xogħol fl-2012, li tippermetti li jitnaqqas it-tnaqqis b'rata fissa għal 6,5 %.

## 2.2. Infiq ieħor relatat mal-persunal

Il-kategorija "infiq ieħor relatat mal-persunal" tinkludi dispożizzjoni għal 7 aġenti kuntrattwali għad-direttorat tal-kwalità leġislattiva fil-lingwa Kroata. Dawn l-aġenti diġà ġew reklutati fl-2011.

Is-SĠK jipproponi li jżid id-dispożizzjoni għall-aġenti kuntrattwali fit-tul b'10 għal total ta' 107. L-aġenti kuntrattwali fit-tul jintużaw għal proġetti u kompiti fejn mhux meħteġ li jintuża persunal permanenti.

---

<sup>1</sup> Iċ-ċifri mogħtija huma qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis b'rata fissa.

Għar-reklutaġġ kumpensatorju, li jintuża biex jimtlew pożizzjonijiet vakanti fil-qosor (pereżempju mard, leave tal-maternità eċċ.) is-SĠK jipproponi li l-iskema tinżamm fil-livell tal-2011 (55 aġent kuntrattwali). Għandu jissewma li l-użu ta' aġenti kuntrattwali huwa soluzzjoni aktar ekonomika mir-reklutaġġ ta' uffiċjali temporanji.

L-ammont globali għall-aġenti kuntrattwali jinżel b'EUR 0,7 miljuni minħabba l-fatt li għall-kuntrarju tal-baġit 2011 li inkluda l-appropriazzjonijiet għat-*tkabbir* biss, għe previst ammont għal 7 aġenti kuntrattwali biss fil-baġit għall-2012.

Abbażi tal-*ħtiġijiet* stmati tas-servizzi tas-SĠK fl-2012, l-ispejjeż għall-missjonijiet tnaqqsu b'EUR 0,5 miljuni (12 %) meta mqabblin mal-2011.

### 2.3. Proprietà immobbli (Kapitolu 2 0)

Id-dispożizzjoni għall-*ħlasijiet* annwali bil-quddiem għal *Résidence Palace* tnaqqset b'EUR 10 miljuni meta mqabbla mal-2011. It-tnaqqis huwa bbażat fuq l-ammonti globali li diġà *tħallsu* (90 % tal-*ispiża* stmata tal-proġett) u fuq il-progress tax-xogħol ta' *kostruzzjoni*. It-*tlestija* tal-*binja* hija prevista għall-*bidu* tal-2014.

Il-baġit għall-*funzjonament* u l-*manutenzjoni* tal-*binjiet* titnaqqas bi *fit* (0,3%). Il-proposta tinkludi r-*riorganizzazzjoni* tal-*istruttura* tal-baġit bejn il-Punti 2 0 0 3 (*Xogħol ta' Sistemazzjoni u Installazzjoni*) u 2 0 1 0 (*Tindif u manutenzjoni*). Xi *wħud* mill-proġetti ġew skedati mill-*ġdid* li jirriżulta fi tnaqqis ta' EUR 1,1 miljun. Tnaqqis ulterjuri ta' EUR 0,1 miljun huwa previst għal *xogħol* ta' *sistemazzjoni* ta' *sigurtà*.

Min-naħa l-oħra, huma proposti *ż-żidiet* li *ġejjin*, relatati mal-*obbligi* kuntrattwali:

- *kirjiet* (EUR 0,6 miljuni) minħabba *inqas* *dħul* fl-2012,
- *spiża* għas-*sigurtà* u s-*sorveljanza* (EUR 0,3 miljuni),
- *spiża* għall-*ilma*, il-*gass* u l-*elettriku* (EUR 0,2 miljuni).

#### 2.4. Infiq fl-IT (Artikolu 210)

Il-baġit għall-IT jinżamm fil-livell tal-2011. Iż-żieda tal-Artikolu 2 1 0 b'EUR 0,3 miljuni hija spjegata b'bidla fl-istruttura tal-baġit li permezz tagħha ċertu tagħmir tal-IT li qabel inxtara taħt il-Punt 2 2 3 0 (*Provvisti għall-uffiċċji*) ġie ttrasferit għall-Punt 2 1 0 0 (*Akkwist ta' tagħmir u softwer*). L-ammont inkwistjoni ma nbidilx meta mqabbel mal-2011.

#### 2.5. Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (Artikolu 2 1 2)

It-tnaqqis ta' EUR 0,3 miljuni meta mqabbel mal-baġit għall-2011 huwa relatat mal-iskedar mill-ġdid tal-proġett biex jiġu modernizzati l-kmamar għall-konferenzi.

#### 2.6. Interpretazzjoni (Punt 2 2 0 2)

Matul l-aħħar snin in-nefqa annwali kienet ta' madwar 60-75 % tal-appropriazzjonijiet għall-interpretazzjoni. Din tikkorrispondi għal sottokonsum annwali ta' madwar EUR 20-35 miljun. Il-parti ewlenija tas-sottokonsum ġiet mill-enveloppi "fuq talba" li tgħodd għal 55 sa 75 % tal-ammont globali mhux użat.

Il-volum tal-interpretazzjoni mhux mistenni li jiżdied meta mqabbel mal-livell tal-aħħar snin. Żieda fil-volum tista' tkun possibbli jekk DG SCIC tal-Kummissjoni jkun jista' jipprovdi aktar interpretazzjoni f'ċerti lingwi fejn hemm nuqqas ta' interpreti. Din iż-żieda tkun fi kwalunkwe każ limitata mill-fatt li m'hemmx aktar spazju fil-Bini Justus Lipsius biex tiżdied sostanzjalment il-kapaċità fiżika għall-interpretazzjoni, jiġifieri l-kabini tal-interpretazzjoni. Għandu jiġi nnutat ukoll li, fil-prattika, iż-żieda possibbli tikkonċerna biss l-interpretazzjoni 'fuq talba' minħabba li l-interpretazzjoni ġenerali tkopri kważi bis-sħiħ l-interpretazzjoni għal-laqgħat bħall-Kunsilli Ewropej, il-laqgħat tal-Kunsill u l-korpi preparatorji diversi.

Minħabba dawn il-fatti, huwa propost li l-baġit għall-interpretazzjoni fl-2012 jitnaqqas b'EUR 8 miljuni meta mqabbel mal-2011.

## 2.7. Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet (punt 2200)

L-implimentazzjoni tal-baġit għall-enveloppi ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet kienet baxxa b'mod sinifikanti mill-bidu tas-sistema ta' enveloppi. L-infiq annwali, ibbażat fuq id-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri, kien fil-medja ta' 55 % tal-ammont globali disponibbli.

Għandi jiġi nnutat li l-ammont annwali disponibbli għall-enveloppi ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet huwa aktar mill-approprijazzjoni tal-baġit għal dak il-għan.

F'konformità mad-Deċiżjoni 111/07, is-SĠK jittrasferixxi 66 % tal-ammonti mhux użati għall-interpretazzjoni "fuq talba" lejn l-enveloppi ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet. Mill-2008, dan l-ammont supplimentari kien bejn wiehded u ieħor total ta' EUR 12-13-il miljun fis-sena.

Abbażi tas-sottokonsum kontinwu u importanti tal-baġit għall-enveloppi ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet huwa propost li jitnaqqas l-ammont ta' EUR 7 miljuni meta mqabbel mal-baġit għall-2011. Il-proposta ta' EUR 26,7 miljuni għall-enveloppi ta' vvjaġġar għall-baġit għall-2012 tibqa' żieda meta mqabbla mal-implimentazzjoni tal-baġit għall-2010 (EUR 24,8 miljuni).

## 2.8. Ġurnal Uffiċjali (punt 2211)

Id-dispożizzjoni tal-baġit għall-Ġurnal Uffiċjali titnaqqas bi 11 % meta mqabbla mal-ammont previst fil-baġit għall-2011. Ir-raġuni ewlenija għal dan it-tnaqqis huwa t-tnaqqis fil-prezz mitlub għal kull paġna għall-produzzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali.

## 2.9. Riżerva

Ir-riżerva għal infiq mhux previst għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill tammonta għal EUR 6 miljuni, li huwa l-istess ammont ta' dak għall-2011. Din ir-riżerva hija maħsuba biex tkopri nfiq li jirriżulta mid-deċiżjonijiet b'impatt baġitarju (kontinġenzi) li jittieħdu matul is-sena finanzjarja.

**Estimu tad-Dħul u l-Infq  
għas-sena finanzjarja 2012  
Taqsima II - Kunsill Ewropew u Kunsill**

| Punt   | Deskrizzjoni  | Eżitu 2010         | Baġit 2011         | AB 2012            | 2011/2012 % |
|--|---|--------------------|--------------------|--------------------|-------------|
| <b>TITOLU 1 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni</b> |   |                    |                    |                    |             |
| 1 0 0 0  | Salarju Bażiku  | 303.917            | 313.000            | 311.000            | -1%         |
| 1 0 0 1  | Drittijiet marbutin mal-post tax-xogħol okkupat   | 62.604             | 65.000             | 67.000             | 3%          |
| 1 0 0 2  | Drittijiet marbutin maċ-ċirkostanzi personali   | 8.123              | 20.000             | 20.000             | 0%          |
| 1 0 0 3  | Kopertura għas-sigurtà soċjali  | 14.000             | 13.000             | 20.000             | 54%         |
| 1 0 0 4  | Infq ieħor għall-ġestjoni   | 631.333            | 900.000            | 910.000            | 1%          |
| 1 0 0 6  | Drittijiet marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz                                  | p.m.               | p.m.               | 77.000             | n/a         |
| <b>1 0 0</b>   | <b>Rimunerazzjoni u drittijiet oħrajn</b>   | <b>1.019.978</b>   | <b>1.311.000</b>   | <b>1.405.000</b>   | <b>7%</b>   |
| 1 0 1 0  | Pensjonijiet  | p.m.               | p.m.               | p.m.               | n/a         |
| <b>1 0 1</b>   | <b>Tmiem tas-servizz</b>  | <b>p.m.</b>        | <b>p.m.</b>        | <b>p.m.</b>        | <b>n/a</b>  |
| 1 0 2 0  | Approprjazzjoni proviżorja għal tibdil fid-drittijiet   | p.m.               | 49.000             | 49.000             | 0%          |
| <b>1 0 2</b>   | <b>Approprjazzjoni proviżorja</b>   | <b>p.m.</b>        | <b>49.000</b>      | <b>49.000</b>      | <b>0%</b>   |
| <b>Total Kapitolu 10 - Membri tal-Istituzzjoni</b>   |   | <b>1.019.978</b>   | <b>1.360.000</b>   | <b>1.454.000</b>   | <b>7%</b>   |
| 1 1 0 0  | Salarji bażiċi  | 234.278.076        | 211.541.157        | 219.068.000        | 4%          |
| 1 1 0 1  | Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-post tax-xogħol okkupat                                | 4.300.494          | 3.916.421          | 2.573.000          | -34%        |
| 1 1 0 2  | Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal          | 61.536.846         | 56.282.980         | 57.434.000         | 2%          |
| 1 1 0 3  | Kopertura għas-sigurtà soċjali  | 10.130.301         | 9.310.302          | 9.602.000          | 3%          |
| 1 1 0 4  | Koeffiċjenti korrettivi tas-salarji   | 130.693            | 213.834            | 30.000             | -86%        |
| 1 1 0 5  | Sahra   | 1.688.321          | 2.129.586          | 1.633.000          | -23%        |
| 1 1 0 6  | Drittijiet taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz | 2.991.000          | 3.057.336          | 3.140.000          | 3%          |
| <b>1 1 0</b>   | <b>Rimunerazzjoni u drittijiet oħrajn</b>   | <b>315.055.730</b> | <b>286.451.616</b> | <b>293.480.000</b> | <b>2%</b>   |
| 1 1 1 0  | Allowances fil-każ ta' rtirar fl-interessi tas-servizz  | 315.735            | 320.834            | 321.000            | 0%          |
| 1 1 1 1  | Allowances għal persunal li s-servizz tagħhom jintemm   | 569.156            | 355.584            | 282.000            | -21%        |
| 1 1 1 2  | Drittijiet tal-ex Segretarji-Ġenerali   | 390.279            | 478.709            | 387.000            | -19%        |
| <b>1 1 1</b>   | <b>Tmiem tas-servizz</b>  | <b>1.275.170</b>   | <b>1.155.127</b>   | <b>990.000</b>     | <b>-14%</b> |

| Punt  | Deskrizzjoni   | Eżitu 2010         | Baġit 2011         | AB 2012            | 2011/2012 % |
|---|--|--------------------|--------------------|--------------------|-------------|
| 1 1 2 0   | Approprijazzjoni proviżorja (uffiċjali u persunal temporanju)              | p.m.               | 1.850.710          | 1.317.000          | -29%        |
| 1 1 2 1   | Approprijazzjoni proviżorja (persunal irtirat u arranġamenti speċjali)     | p.m.               | 8.000              | 5.000              | -38%        |
| <b>1 1 2</b>  | <b>Approprijazzjoni proviżorja</b>   | <b>p.m.</b>        | <b>1.858.710</b>   | <b>1.322.000</b>   | <b>-29%</b> |
| <b>Total Kapitolu 11 - Uffiċjali u persunal temporanju</b>                      |  | <b>316.330.900</b> | <b>289.465.453</b> | <b>295.792.000</b> | <b>2%</b>   |
| 1 2 0 0   | Persunal ieħor   | 4.215.499          | 8.098.000          | 7.352.000          | -9%         |
| 1 2 0 1   | Esperti nazzjonali sekondati   | 1.016.205          | 1.289.043          | 1.187.000          | -8%         |
| 1 2 0 2   | L-apprendistati  | 537.413            | 544.000            | 565.000            | 4%          |
| 1 2 0 3   | Servizzi esterni   | 1.951.593          | 2.068.000          | 2.069.000          | 0%          |
| 1 2 0 4   | Servizzi supplimentari għas-servizz ta' traduzzjoni                        | p.m.               | 202.000            | 152.000            | -25%        |
| <b>1 2 0</b>  | <b>Persunal ieħor u servizzi esterni</b>                                   | <b>7.720.710</b>   | <b>12.201.043</b>  | <b>11.325.000</b>  | <b>-7%</b>  |
| <b>1 2 2</b>  | <b>Approprijazzjoni proviżorja</b>   | <b>p.m.</b>        | <b>133.131</b>     | <b>51.000</b>      | <b>-62%</b> |
| <b>Total Kapitolu 12 - Persunal ieħor u servizzi esterni</b>                    |  | <b>7.720.710</b>   | <b>12.334.174</b>  | <b>11.376.000</b>  | <b>-8%</b>  |
| 1 3 0 0   | Infiq varju għar-reklutaġġ   | 182.764            | 132.000            | 152.000            | 15%         |
| 1 3 0 1   | Aktar taħriġ   | 1.590.033          | 1.603.000          | 1.683.000          | 5%          |
| <b>1 3 0</b>  | <b>Infiq relatat mal-amministrazzjoni tal-persunal</b>                     | <b>1.772.796</b>   | <b>1.735.000</b>   | <b>1.835.000</b>   | <b>6%</b>   |
| 1 3 1 0   | Għotjiet għal assistenza speċjali  | 39.000             | 40.000             | 40.000             | 0%          |
| 1 3 1 1   | Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal                                  | 159.401            | 119.000            | 119.000            | 0%          |
| 1 3 1 2   | Għajnuna supplimentari għad-diżabbli                                       | 66.550             | 69.000             | 69.000             | 0%          |
| 1 3 1 3   | Infiq soċjali ieħor  | 65.593             | 66.000             | 66.000             | 0%          |
| <b>1 3 1</b>  | <b>Miżuri biex jgħinu l-persunal tal-istituzzjoni</b>                      | <b>330.544</b>     | <b>294.000</b>     | <b>294.000</b>     | <b>0%</b>   |
| 1 3 2 0   | Servizz mediku   | 385.016            | 432.000            | 431.000            | 0%          |
| 1 3 2 1   | Ristoranti u kantins   | 927.000            | 1.115.000          | 1.115.000          | 0%          |
| 1 3 2 2   | Skejjel materni u faċilitajiet li jgħiddu ħsieb it-tfal                    | 1.951.085          | 1.841.000          | 1.749.000          | -5%         |
| <b>1 3 2</b>  | <b>Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni</b> | <b>3.263.101</b>   | <b>3.388.000</b>   | <b>3.295.000</b>   | <b>-3%</b>  |
| 1 3 3 1   | Spejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill                       | 5.528.306          | 3.912.000          | 3.216.000          | -18%        |
| 1 3 3 2   | Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew           | 570.000            | 400.000            | 600.000            | 50%         |
| <b>1 3 3</b>  | <b>Missjonijiet</b>  | <b>6.098.306</b>   | <b>4.312.000</b>   | <b>3.816.000</b>   | <b>-12%</b> |
| <b>Kapitolu 13 - Infiq ieħor relatat ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni</b> |  | <b>11.464.747</b>  | <b>9.729.000</b>   | <b>9.240.000</b>   | <b>-5%</b>  |
| <b>TOTAL TITOLU 1 - Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni</b>                      |  | <b>336.536.334</b> | <b>312.888.627</b> | <b>317.862.000</b> | <b>2%</b>   |

| Punt   | Deskrizzjoni  | Eżitu 2010        | Baġit 2011        | AB 2012           | 2011/2012 % |
|--|---|-------------------|-------------------|-------------------|-------------|
| <b>TITOLU 2 - Bini, tagħmir u nfiq operattiv</b>                     |   |                   |                   |                   |             |
| 2 0 0 0  | Kera  | 4.120.142         | 1.053.000         | 1.607.000         | 53%         |
| 2 0 0 1  | Ħlasijiet annwali ta' ċnus  | p.m.              | p.m.              | p.m.              | n/a         |
| 2 0 0 2  | Akkwist ta' proprjetà immobbli  | 55.000.000        | 15.000.000        | 5.000.000         | -67%        |
| 2 0 0 3  | Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni   | 2.644.632         | 4.860.000         | 7.680.000         | 58%         |
| 2 0 0 4  | Xogħol biex il-bini jkun sigur  | 1.469.303         | 1.260.000         | 1.110.000         | -12%        |
| 2 0 0 5  | Infiq qabel l-akkwist, il-konstruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini                          | 510.778           | 460.000           | 485.000           | 5%          |
| <b>2 0 0</b>   | <b>Bini</b>   | <b>63.744.854</b> | <b>22.633.000</b> | <b>15.882.000</b> | <b>-30%</b> |
| 2 0 1 0  | Tindif u manutenzjoni   | 15.686.213        | 16.761.000        | 12.861.000        | -23%        |
| 2 0 1 1  | Ilma, gass, elettriku u tisħin  | 4.132.687         | 4.031.000         | 4.232.000         | 5%          |
| 2 0 1 2  | Sigurtà u sorveljanza tal-bini  | 8.650.819         | 9.090.000         | 9.412.000         | 4%          |
| 2 0 1 3  | Assikurazzjoni  | 179.772           | 211.000           | 211.000           | 0%          |
| 2 0 1 4  | Infiq ieħor relatat mal-bini  | 313.337           | 529.000           | 555.000           | 5%          |
| <b>2 0 1</b>   | <b>Infiq relatat mal-bini</b>   | <b>28.962.828</b> | <b>30.622.000</b> | <b>27.271.000</b> | <b>-11%</b> |
| <b>Total Kapitolu 2 0 - Bini u spejjeż relatati</b>                  |   | <b>92.707.683</b> | <b>53.255.000</b> | <b>43.153.000</b> | <b>-19%</b> |
| 2 1 0 0  | Akkwist ta' tagħmir u softwer   | 8.419.553         | 7.969.000         | 7.969.000         | 0%          |
| 2 1 0 1  | Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter                      | 17.350.546        | 19.038.000        | 19.032.000        | 0%          |
| 2 1 0 2  | Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software                                  | 3.651.832         | 4.551.000         | 4.891.000         | 7%          |
| 2 1 0 3  | Telekomunikazzjonijiet  | 3.896.255         | 4.224.000         | 4.224.000         | 0%          |
| <b>2 1 0</b>   | <b>Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet</b>                                       | <b>33.318.186</b> | <b>35.782.000</b> | <b>36.116.000</b> | <b>1%</b>   |
| <b>2 1 1</b>   | <b>Għamara</b>  | <b>934.479</b>    | <b>1.051.000</b>  | <b>921.000</b>    | <b>-12%</b> |
| 2 1 2 0  | Xiri u sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi                               | 1.379.203         | 4.528.000         | 4.243.000         | -6%         |
| 2 1 2 1  | Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi       | 45.000            | 60.000            | 60.000            | 0%          |
| 2 1 2 2  | Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi | 443.358           | 620.000           | 580.000           | -6%         |
| <b>2 1 2</b>   | <b>Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi</b>   | <b>1.867.560</b>  | <b>5.208.000</b>  | <b>4.883.000</b>  | <b>-6%</b>  |
| <b>2 1 3</b>   | <b>Transport</b>  | <b>468.787</b>    | <b>788.000</b>    | <b>744.000</b>    | <b>-6%</b>  |
| <b>Total Kapitolu 2 1 - Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara</b> |   | <b>36.589.013</b> | <b>42.829.000</b> | <b>42.664.000</b> | <b>0%</b>   |

| Punt  | Deskrizzjoni  | Eżitu 2010         | Baġit 2011         | AB 2012            | 2011/2012 % |
|---|---|--------------------|--------------------|--------------------|-------------|
| 2 2 0 0   | Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet                         | 24.823.821         | 33.675.000         | 26.675.000         | -21%        |
| 2 2 0 1   | Spejjeż ta' vvjaġġar varji  | 313.000            | 184.000            | 420.000            | 128%        |
| 2 2 0 2   | Spejjeż għall-interpretazzjoni                                    | 56.155.695         | 94.722.973         | 86.723.000         | -8%         |
| 2 2 0 3   | Spejjeż għar-rappreżentanza                                       | 1.879.084          | 2.045.000          | 2.000.000          | -2%         |
| 2 2 0 4   | Infq varju għal laqgħat interni                                   | 2.049.275          | 4.124.000          | 3.024.000          | -27%        |
| 2 2 0 5   | Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat               | 647.261            | 912.000            | 800.000            | -12%        |
| <b>2 2 0</b>  | <b>Laqgħat u Konferenzi</b>                                       | <b>85.868.136</b>  | <b>135.662.973</b> | <b>119.642.000</b> | <b>-12%</b> |
| 2 2 1 0   | Infq għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji                        | 889.565            | 937.000            | 488.000            | -48%        |
| 2 2 1 1   | Ġurnal Uffiċjali  | 4.415.000          | 5.193.000          | 4.626.000          | -11%        |
| 2 2 1 2   | Pubblikazzjonijiet ġenerali                                       | 401.997            | 650.000            | 610.000            | -6%         |
| 2 2 1 3   | Tagħrif u avvenimenti pubbliċi                                    | 1.034.140          | 1.260.000          | 1.753.000          | 39%         |
| <b>2 2 1</b>  | <b>Informazzjoni</b>  | <b>6.740.701</b>   | <b>8.040.000</b>   | <b>7.477.000</b>   | <b>-7%</b>  |
| 2 2 3 0   | Provvisti għall-uffiċċji  | 1.019.509          | 971.000            | 657.000            | -32%        |
| 2 2 3 1   | Ħlasijiet postali   | 131.000            | 170.000            | 145.000            | -15%        |
| 2 2 3 2   | Infq għal studji, sondaġġi u konsultazzjonijiet                   | 27.000             | 20.000             | 40.000             | 100%        |
| 2 2 3 3   | Koperazzjoni interistituzzjonali                                  | p.m.               | p.m.               | p.m.               | n/a         |
| 2 2 3 4   | Rilokazzjonijiet  | p.m.               | p.m.               | 10.000             | n/a         |
| 2 2 3 5   | Ħlasijiet finanzjarji   | 30.700             | 20.000             | 20.000             | 0%          |
| 2 2 3 6   | Infq u spejjeż legali, danni u kumpens                            | 492.000            | 600.000            | 600.000            | 0%          |
| 2 2 3 7   | Spejjeż operattivi oħra   | 198.966            | 270.000            | 275.000            | 2%          |
| <b>2 2 3</b>  | <b>Spejjeż varji</b>  | <b>1.899.175</b>   | <b>2.051.000</b>   | <b>1.747.000</b>   | <b>-15%</b> |
| <b>Total Kapitolu 2 2 - Infq operattiv</b>  |   | <b>94.939.981</b>  | <b>145.753.973</b> | <b>128.866.000</b> | <b>-12%</b> |
| <b>TOTAL TITOLU 2 - Bini, tagħmir u nfq operattiv</b>   |   | <b>224.236.676</b> | <b>241.837.973</b> | <b>214.683.000</b> | <b>-11%</b> |
| <b>TITOLU 3 - Infq li jirriżulta mill-prestazzjoni tal-istituzzjoni tal-missjonijiet speċifiċi tagħha</b> |   |                    |                    |                    |             |
| 3 0 0 0   | Allowances għal esperti militari nazzjonali sekondati             | 7.097.901          | p.m.               | -                  | n/a         |
| 3 0 0 1   | Allowances tal-esperti nazzjonali sekondati b'rabta mal-PESD/PESK | 2.274.193          | p.m.               | -                  | n/a         |
| 3 0 0 2   | Konsulenti speċjali fil-qasam tal-PESD/PESK                       | 177.187            | p.m.               | -                  | n/a         |
| <b>3 0 0</b>  | <b>Persunal ieħor u persunal estern</b>                           | <b>9.549.280</b>   | <b>p.m.</b>        | <b>-</b>           | <b>n/a</b>  |
| 3 0 1 0   | Missjonijiet  | 1.380.000          | p.m.               | -                  | n/a         |
| 3 0 1 1   | Taħriġ addizzjonali   | 16.359             | p.m.               | -                  | n/a         |
| <b>3 0 1</b>  | <b>Infq ieħor b'rabta mal-persunal</b>                            | <b>1.396.359</b>   | <b>p.m.</b>        | <b>-</b>           | <b>n/a</b>  |
| <b>Total Kapitolu 3 0 - Persunal</b>  |   | <b>10.945.639</b>  | <b>p.m.</b>        | <b>-</b>           | <b>n/a</b>  |

| Punt   | Deskrizzjoni  | Eżitu 2010        | Baġit 2011       | AB 2012     | 2011/2012 %  |
|--|---|-------------------|------------------|-------------|--------------|
| 3 1 0 0  | Kera  | 4.668.134         | 1.586.000        | p.m.        | -100%        |
| 3 1 0 3  | Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni                             | 10.158            | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 1 0 4  | Xogħol biex il-bini jkun sigur  | 35.210            | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 1 0 5  | Infiq qabel l-akkwist, il-konstruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini        | p.m.              | p.m.             | -           | n/a          |
| <b>3 1 0</b>   | <b>Bini</b>   | <b>4.713.502</b>  | <b>1.586.000</b> | <b>p.m.</b> | <b>-100%</b> |
| 3 1 1 0  | Tindif u manutenzjoni   | 847.668           | 165.000          | p.m.        | -100%        |
| 3 1 1 1  | Ilma, gass, elettriku u tisħin  | 579.500           | 165.000          | p.m.        | -100%        |
| 3 1 1 2  | Sigurtà u sorveljanza tal-bini  | 1.938.000         | 620.000          | p.m.        | -100%        |
| 3 1 1 3  | Assikurazzjoni  | 10.110            | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 1 1 4  | Infiq ieħor fuq bini  | 27.790            | p.m.             | -           | n/a          |
| <b>3 1 1</b>   | <b>Infiq relatat ma' bini</b>   | <b>3.403.068</b>  | <b>950.000</b>   | <b>p.m.</b> | <b>-100%</b> |
| <b>Total Kapitolu 3 1 - Bini u spejjeż relatati</b>                  |   | <b>8.116.570</b>  | <b>2.536.000</b> | <b>p.m.</b> | <b>-100%</b> |
| 3 2 0 0  | Akkwist ta' tagħmir u software  | 4.006.601         | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 2 0 1  | Assistenza minn barra għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter | 4.787.888         | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 2 0 2  | Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software                | 1.317.788         | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 2 0 3  | Telekomunikazzjonijiet  | 1.802.095         | p.m.             | -           | n/a          |
| <b>3 2 0</b>   | <b>Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet</b>                     | <b>11.914.372</b> | <b>p.m.</b>      | <b>-</b>    | <b>n/a</b>   |
| <b>3 2 1</b>   | <b>Għamara</b>  | <b>56.096</b>     | <b>p.m.</b>      | <b>-</b>    | <b>n/a</b>   |
| <b>Total Kapitolu 3 2 - Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara</b> |   | <b>11.970.468</b> | <b>p.m.</b>      | <b>-</b>    | <b>n/a</b>   |
| 3 3 0 0  | Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet                                 | 322.721           | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 0 1  | Spejjeż ta' vvjaġġar varji  | 15.000            | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 0 2  | Spejjeż ta' interpretazzjoni  | p.m.              | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 0 3  | Spejjeż ta' divertiment u rappreżentanza                                  | 38.000            | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 0 4  | Spejjeż amministrattivi b'rabta mal-ivvjaġġar                             | p.m.              | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 0 5  | Spejjeż varji tal-laqgħat   | 15.525            | p.m.             | -           | n/a          |
| <b>3 3 0</b>   | <b>Laqgħat u konferenzi</b>   | <b>391.246</b>    | <b>p.m.</b>      | <b>-</b>    | <b>n/a</b>   |
| 3 3 1 0  | Infiq għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji                               | 178.535           | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 1 1  | Pubblikazzjonijiet ġenerali   | 56.263            | p.m.             | -           | n/a          |
| 3 3 1 2  | Informazzjoni u avvenimenti pubbliċi                                      | 59.155            | p.m.             | -           | n/a          |
| <b>3 3 1</b>   | <b>Informazzjoni</b>  | <b>293.952</b>    | <b>p.m.</b>      | <b>-</b>    | <b>n/a</b>   |

| Punt  | Deskrizzjoni                                       | Eżitu 2010         | Baġit 2011         | AB 2012            | 2011/2012 %  |
|---|--|--------------------|--------------------|--------------------|--------------|
| 3 3 2 0   | Provvisi għall-uffiċċji                            | p.m.               | p.m.               | -                  | n/a          |
| 3 3 2 1   | Spejjeż għal studji, seminars u konsultazzjonijiet | p.m.               | p.m.               | -                  | n/a          |
| 3 3 2 2   | Spejjeż operattivi oħra                            | 11.204             | p.m.               | -                  | n/a          |
| 3 3 2   | <i>Spejjeż varji</i>                               | <i>11.204</i>      | <i>p.m.</i>        | -                  | <i>n/a</i>   |
| <b>Total Kapitolu 3 3 - Infq operattiv</b>  |  | <b>696.403</b>     | <b>p.m.</b>        | -                  | <b>n/a</b>   |
| <b>TOTAL TITOLU 3 - Infq li jirriżulta mill-prestazzjoni tal-istituzzjoni tal-missjonijiet speċifiċi tagħha</b> |  | <b>31.729.080</b>  | <b>2.536.000</b>   | <b>p.m.</b>        | <b>n/a</b>   |
| <b>TITOLU 10 - Spejjeż oħrajn</b>   |  |                    |                    |                    |              |
| 10 0  | Approprijazzjonijiet proviżorji                    | p.m.               | p.m.               | p.m.               | n/a          |
| 10 1  | Riżerva ta' kontinġenza                            | p.m.               | 6.000.000          | 6.000.000          | 0%           |
| <b>TOTAL TITOLU 10 - Spejjeż oħrajn</b>   |  | <b>p.m.</b>        | <b>6.000.000</b>   | <b>6.000.000</b>   | <b>0%</b>    |
| <b>BAĠĠIT TOTALI</b>  |  | <b>592.855.947</b> | <b>563.262.600</b> | <b>538.545.000</b> | <b>-4,4%</b> |

## PJANTA' STABILIMENT 2012

## Taqsim II - Kunsill Ewropew u Kunsill

| Kategorija u grad      | Baġit 2011           |                      |          | Kategorija u grad      | Abbozz ta' baġit 2012 |                      |          |
|------------------------|----------------------|----------------------|----------|------------------------|-----------------------|----------------------|----------|
|                        | Postijiet permanenti | Postijiet temporanji |          |                        | Postijiet permanenti  | Postijiet temporanji |          |
|                        |                      | President KE         | Oħrajn   |                        |                       | President KE         | Oħrajn   |
| HC                     | 2                    | 0                    | 0        | HC                     | 2                     | 0                    | 0        |
| AD 16                  | 8                    | 1                    | 0        | AD 16                  | 8                     | 1                    | 0        |
| AD 15                  | 33 <sup>1</sup>      | 1                    | 0        | AD 15                  | 33 <sup>2</sup>       | 1                    | 0        |
| AD 14                  | 90 <sup>3</sup>      | 2                    | 1        | AD 14                  | 104 <sup>4</sup>      | 2                    | 1        |
| AD 13                  | 155                  | 3                    | 0        | AD 13                  | 185                   | 3                    | 0        |
| AD 12                  | 202                  | 2                    | 2        | AD 12                  | 173                   | 2                    | 2        |
| AD 11                  | 152                  | 0                    | 0        | AD 11                  | 128                   | 0                    | 0        |
| AD 10                  | 79                   | 3                    | 0        | AD 10                  | 76                    | 3                    | 0        |
| AD 9                   | 84                   | 1                    | 0        | AD 9                   | 101                   | 1                    | 0        |
| AD 8                   | 88                   | 0                    | 0        | AD 8                   | 105                   | 0                    | 0        |
| AD 7                   | 158                  | 1                    | 0        | AD 7                   | 168                   | 1                    | 0        |
| AD 6                   | 183                  | 3                    | 0        | AD 6                   | 154                   | 3                    | 0        |
| AD 5                   | 120                  | 0                    | 0        | AD 5                   | 117                   | 0                    | 0        |
| <b>Sub-totali</b>      | <b>1352</b>          | <b>17</b>            | <b>3</b> | <b>Sub-totali</b>      | <b>1352</b>           | <b>17</b>            | <b>3</b> |
| AST 11                 | 35                   | 2                    | 0        | AST 11                 | 31                    | 2                    | 0        |
| AST 10                 | 41                   | 1                    | 0        | AST 10                 | 34                    | 1                    | 0        |
| AST 9                  | 54                   | 0                    | 0        | AST 9                  | 67                    | 0                    | 0        |
| AST 8                  | 90                   | 1                    | 0        | AST 8                  | 97                    | 1                    | 0        |
| AST 7                  | 301                  | 2                    | 0        | AST 7                  | 317                   | 2                    | 0        |
| AST 6                  | 276                  | 2                    | 0        | AST 6                  | 224                   | 2                    | 0        |
| AST 5                  | 198                  | 3                    | 0        | AST 5                  | 191                   | 3                    | 0        |
| AST 4                  | 183                  | 1                    | 0        | AST 4                  | 186                   | 1                    | 0        |
| AST 3                  | 191                  | 3                    | 0        | AST 3                  | 203                   | 3                    | 0        |
| AST 2                  | 219                  | 1                    | 0        | AST 2                  | 205                   | 1                    | 0        |
| AST 1                  | 195                  | 0                    | 0        | AST 1                  | 208                   | 0                    | 0        |
| <b>Sub-totali</b>      | <b>1783</b>          | <b>16</b>            | <b>0</b> | <b>Sub-totali</b>      | <b>1763</b>           | <b>16</b>            | <b>0</b> |
| <b>Total</b>           | <b>3137</b>          | <b>33</b>            | <b>3</b> | <b>Total</b>           | <b>3117</b>           | <b>33</b>            | <b>3</b> |
| <b>Totali ġenerali</b> | <b>3173</b>          |                      |          | <b>Totali ġenerali</b> | <b>3153</b>           |                      |          |

<sup>1</sup> Inklużi 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.

<sup>2</sup> Inklużi 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.

<sup>3</sup> Inklużi 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

<sup>4</sup> Inklużi 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.